# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## **Minuti**

## **Tmien Legislatura**

### ***Laqgħa numru 39***

***21 ta' Marzu 2018***

### ***Preżenti***

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier

### ***Assenti b'Apoloġiji*** (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### ***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *39.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

39.1.1 Fil-bidu tas-seduta s-Sindku s-Sur Francis Debono qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Jean Paul Zammit fejn talab il-Kunsill sabiex jiġi skużat minħabba impenji ta' xogħol. Il-Kunsill aċċetta din it-talba. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

39.1.2 Is-Sindku ressaq ittra ta' apoloġija tas-Sur Frank Zammit li nbagħtet wara l-laqgħa tas-seduta ta' qabel. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

39.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

39.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li matul il-ġurnata kellu laqgħa mas-Sur Anġlu Xuereb flimkien mas-Sur Colin Pace. Dan hekk kif is-Sur Xuereb għandhu applikazzjoni ta' high rise mall-Planning Authority fiż-żona ta' fejn kien hemm qabel il-fabbrika tas-suffarini. Dan ser ikun proġett ta' 32 sular u madwar 350 post ta' parkeġġ. Il-Planning ser tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni fit-23 ta' Ġunju.

39.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa ukoll tkellem mas-Sur Xuereb fejn staqsieħ jekk saritx xi tip ta' konsultazzjoni mall-pubbliku. Huwa kien ikkonferma li kienet saret *public hearing* mall-Awtorita' tal-Ippjanar. Pero s-Sur Spencer ikkonferma li s'issa m'hemm xejn fil-konkret u kollox għadu fi stadju ta' ppjanar.

39.3.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar l-issue tal-high rises b'disjaċir jinnota li m'hemmx policy konkreta min naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar u dan jista' jħalli lok għal diversi żbalji fl-immaniġjar taż-żona.

## *39.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

39.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa jekk l-iskart inġabarx nhar it-Tnejn li għadda (Festa Pubblika). Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li t-Tnejn l-iskart ma nġabarx u bi żvista ma

kinitx inkluża fl-avviż li ntbgħat taż-żmien l-Għid u ta' Jum il-Ħelsien. Is-Sindku qal ukoll li matul din il-gimgħa kellu laqgħa tas-Sindki u d-direzzjoni li l-Gvern ser ikun qiegħed jieħu dwar l-iskart huwa li l-kuntratti ser ikunu fuq bażi reġjonali.

39.4.2 il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li tkellem mas-Surmast tal-Iskola Primarja tal-lokal dwar il-possibilita' li l-Kunsill jgħin l-Iskola biex ikun hemm librerija. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li din it-tema kienet ser tiġi inkluża fil-laqgħa li jmiss. Madanakollu, hekk kif inqala s–suġġett is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jgħin l-iskola sabiex issir din il-librerija, bl-għotja tingħata waqt il-preżentazzjoni tal-premijiet tat-tappini nhar il-Gimgħa 13 t'April. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *39.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

39.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *39.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

39.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Banda Trinita' Qaddisa qed issaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama fuq materjal promozjonali għal waqt il-Kunċert ta' Mużika Sagra li ser issir nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu fil-Knisja Parrokkjali Ssma Trinita'. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

39.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li b'referenza għal inċident li seħħ fi Triq il-Farfett fuq tappiera tal-GO Plc, il-kumpanija infurmat lill-Kunsill li mhux ser tassumi r-responsabbilita' għaliha għaliex filwaqt li t-tappiera hija tal-GO fir-ritratt jidher li l-kaptell ġie mibdul minn terzi. Is-Sindku spjega li meta daħal ir-rapport għand il-Kunsill, il-Kunsill għadda r-rapport lill-GO Plc b'mod urġenti kif ukoll ġie infurmat bħala Kunsill li dawn il-kaptelli ser jinbidlu mill-Kunsill minħabba l-periklu. Il-Kunsill informa l-GO li minkejja li għamel dawn it-tiswijiet, dawn il-kaptelli xorta ser jibqgħu responsabbilta' tal-GO.

## *39.7 Wirja ta' Ħidma mwettqa mill-Kunsill*

39.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li jixtieq li ssir wirja tal-25 sena ħidma tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. Din il-wirja ser tkun tinvolvi madwar 50 sa 60 ritratti tal-proġetti mwettqa mill-Kunsill matul dawn is-snin u l-impatt pożittiv li din il-bidla fil-lokalita', tibda min fejn telaq il-Kunsill, jiġifieri mis-sular ta' fuq tal-Għassa tal-Pulizija għal dan il-bini sabiħ u modern. Din il-wirja ser tkun tiswa madwar €1,500 u ser tkun qed tiġi organizzata fix-xhur li ġejjin. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġerixxa jekk il-Kunsill jistgħax jagħmel kuntatt mall-

MCAST sabiex din l-istess wirja tkun tista’ tittella b’mod viżiv mall-faċċata tal-Kunsill meta ssir din l-inawgurazzjoni ta’ din il-wirja. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *39.8 Korsijiet għall-Kompjuter għat-Tfal*

39.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li bħas-snin ta’ qabel hemm proposta fejn it-tfal tal-Marsa jistgħu jagħmlu kors tal-kompjuter bi titlu Robotika. Dan il-kors ser ikun jiswa lill-Kunsill madwar €1,100 iżda jkun offrut b’xejn lit-tfal tal-lokal. Il-Kunsilliera qablu li dan it-tip ta’ taħriġ huwa kontribut pożittiv speċjalment fil-qasam tal-kompjuters fejn l-importanza tiegħu dejjem qed tiżdied. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *39.9 Xiri ta’ Kennels għall-Qtates*

39.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega bħalma sar għan-naħa t-isfel għal-lokalita’, hemm bżonn li jinxtraw kennels għall-qtates għan-naħa ta’ fuq. Dan hekk kif kien hemm diversi persuni li apprezzaw li l-qtates fil-lokalita’ għandhom kennels adegwati u mhux dawk taż-żingu li kien hemm qabel. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *39.10 Ħruġ ta’ kwotazzjoni għall-bankijiet tal-konkrit*

39.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li qed jitlob lis-Segretarju Eżekkutiv sabiex tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni fuq bankijiet tal-konkrit. Dan hekk kif il-bankijiet attwali li hemm tal-injam għandhom bżonn jinbidlu. Il-ħsieb li ma jerġawx isiru tal-injam huwa minħabba l-maintenance li fiħ l-injam filwaqt li dawk tal-konkrit m’għandhom maintenance ta’ xejn, kif wieħed jista jara mill-bankijiet li hemm quddiem il-bini tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li kien hemm vot favur unanimu.

## *39.11 Manutenzjoni tal-Gazebo Pjazza San Vinċenz*

39.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex issir il-manutenzjoni li hemm bżonn fuq il-gazebo fi Pjazza San Vinċenz dan il-manutenzjoni għandhu jsir mill-istess kuntrattur li għamilha li huwa l-Karmig. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li ma din il-gazebo qed jipproponi li ssir il-gazebo tal-Ġnien 6 t’Awissu u li jista’ jidħol għaliha l-istess kuntrattur. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur dawn il-proposti kien wieħed unanimu.

## *39.12 Fixed Assets*

39.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li fil-gimgħat li ġejjin il-Kunsill ser ikollu lista tal-affarijiet kollha li għandhom bżonn jiġu mneħħija mill-kotba tal-Kunsill sabiex dawn l-affarijiet ma jibqgħux jidhru rekkorrenti. Dawn l-affarijiet jistgħu jinkludu diversi affarijiet varji li għall-lum m'għadhomx għall-użu tal-Kunsill u li huma *obsolete*. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *39.13 Avviż fuq il-Ġurnali dwar karozzi abbandunati*

39.13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saħaq li fil-lokalita' hemm problema serja ta' vetturi li qed jiġu abbandunati. B'hekk f'laqgħa li s-Sindku kellu mall-Ispettur tal-lokal talbu biex jitwaħħlu stickers mill-Pulizija u jekk dawn ma jitneħħewx il-Kunsill ser jirriserva d-dritt li jitneħħew u jiġu skrapjati bl-għajnuna tal-istess Pulizija. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur din l-azzjoni kienet unanima.

## *39.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

39.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis- 6.50pm u ġiet aġġornata għall-11 t'April 2018 fis-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 11 t'April 2018